**Ruling mogħti mill-iSpeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 191 tas-27 ta' Ottubru 2014, fil-każ imqajjem f'Seduta 190 tat-22 ta' Ottubru 2014 mill-Onor. George Pullicino fil-konfront ta' ġurnalista ta' One News**

Fis-Seduta 190 tat-22 ta' Ottubru 2014 l-Onor. George Pullicino talab lis-Sedja sabiex tinvestiga każ li qam dakinhar stess huwa u ħiereġ mill-binja tal-Parlament, u hawnhekk nikkwota:

> "Sur President, xtaqt inqajjem każ biex jiġi investigat mis-Sedja. Jien u ħiereġ mill-Parlament flimkien mal-kollega tiegħi l-Onor. Charlò Bonnici, il-ġurnalista tal-One News litteralment ħarġet mill-*area designated* mis-Sedja bħala l-*area* tal-*media* u waqt li kont qed nitkellem fuq it-*telephone* - kif jista' jixhed id-Deputy Speaker tal-Kamra - litteralment ostakolatni milli nkompli miexi billi poġġiet il-*microphone* tagħha quddiemi biex ma tħallinix nimxi. Nitolbok sabiex tinvestiga dan il-każ. L-isem tal-ġurnalista ma nafux, tlabt lill-pulizija biex jieħu d-dettalji tagħha kif ukoll tal-*cameraman* li kien hemm. Jista' jixhed dan ukoll l-Onor. Antoine Borg li kien miegħi wkoll u nitolbok li, wara li tinvestiga, tieħu l-passi li jidhirlek li huma xierqa."

Meta mistoqsi mis-Sedja fejn ġara eżattament l-inċident huwa wieġeb:

> "'Il barra mill-*area* li hija *designated* għall-ġurnalisti, fil-Pjazza San Ġorġ, barra mill-bieb tal-Parlament."

L-Onor. Charlò Bonnici u l-Onor. Antoine Borg, li fil-ħin li l-Onor. Pullicino qajjem l-ilment kienu preżenti fil-Kamra, kkonfermaw dak li qal l-Onor. Pullicino.

Fil-konsiderazzjoni tal-każ, is-Sedja talbet *statements* uffiċjali mill-membri tal-Pulizija u tal-Armata li kienu *duty* waqt is-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ottubru 2014 fil-ħin tal-inċident. Is-Sedja talbet lis-Sur Aleander Balzan, *Head of News & Current Affairs* ta' One News, biex jagħti l-verżjoni tal-fatti kif jokkorru lilu kif ukoll kopja tal-filmati miġbuda dakinhar.

Is-Sedja rat li dan l-ilment jinkwadra ruħu taħt subinċiż (d) tas-subartikolu (4) tal-artikolu 11 tal-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privileġġi tal-Kamra (Kap. 113). Din l-Ordinanza tiddefinixxi bħala reat taħt din l-Ordinanza:

> "kull min jaħbat għal Membru, ifixklu jew jinsultah fil-waqt li jkun sejjer jew ġej lura mill-Kamra jew minħabba d-dmirijiet tiegħu fil-Kamra, jew kull min b'forza, b'insult jew theddid, ifittex li jġiegħel Membru illi jiddikjara ruħu favur jew kontra proposta jew xi ħaġa li tkun għadha miexja jew li tkun sejra tinġieb quddiem il-Kamra;".

Is-Sedja rat ukoll *ruling* mogħti mill-Ispeaker Michael Frendo f'Seduta 399 tat-12 ta' Jannar 2012 fejn huwa qal, u nikkwota:

> “Qed tidħol drawwa li waqt li membru parlamentari jkun dieħel fil-Parlament ikun imdawwar minn ġurnalisti u *cameramen* li jibdew jiġbdu filmati u jistaqsu mistoqsijiet billi jdawru membru parlamentari jew inkella joqogħdu quddiem il-membru eżattament fil-linja tal-mixi tiegħu jew tagħha, waqt li l-membru jkun qiegħed miexi lejn il-Parlament jew fi triqtu lura mill-Parlament.
>
> Filwaqt li l-libertà tal-istampa trid tkun rispettata b'mod rigoruż f'demokrazija parlamentari, ma għandu jsir xejn li jista' jiġi interpretat li l-membru qed jixxekkel milli jiġi fil-Parlament jew li lill-Membru qed tinħoloqlu xi forma ta' diffikultà biex jasal il-Parlament bl-akbar serenità possibbli u mingħajr ma jkollu nies jiġru quddiemu u madwaru, mexjin ħafna drabi b'lura, jiffilmjawh u b'*microphone* mqiegħed quddiem wiċċu.”

Fl-istess *ruling* is-Sedja kienet tat struzzjonijiet biex tiġi delineata żona għall-press 'il barra mill-bieb tal-Palazz kif ġej:

> “Biex ikun megħjun ix-xogħol tal-ġurnalisti, għandu jkun hemm fil-bieb tal-Parlament, u s-Sedja qed tagħti ordni lill-Iskrivan tal-Kamra biex tara li dan isir, kurdun li warajh joqogħdu l-membri tal-istampa u x-xandir u minn warajh jistgħu jitolbu kwalunkwe kumment u kwalunkwe filmat biex jaqdu d-doveri tagħhom. Dan biex il-Parlament jiffaċilita u jkun jista' joffri mezz effikaċi għal ħidma tal-istampa u x-xandir sabiex jkunu jistgħu jaqdu l-funzjonijiet u doveri tagħhom filwaqt li jiġi fl-istess ħin salvagwardat dak li tgħid il-liġi f'artiklu (11)(4)(d) tal-Ordinanza bi protezzjoni tad-doveri tal-membri parlamentari li primarjament fosthom huwa li jattendu u jipparteċipaw fil-ħidma fil-Parlament.”

Is-Sedja, wara li rat l-i*statements* u l-filmati li otteniet tikkonstata li għalkemm l-Onorevoli Membru seta' jitqies li ġie mfixkel mit-telefonata li kien qed jagħmel, ma hemmx biżżejjed elementi li jistgħu jammontaw għal *prima facie* ksur ta' privileġġ skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privileġġi tal-Kamra.

Is-Sedja però qiegħda tiġbed l-attenzjoni ta' kull ġurnalista, partikolarment il-ġurnalista ta' One News, biex jirrispettaw iż-żona riżervata għall-*media*, u terġa' ttenni l-appell aħħari lill-mezzi tax-xandir li jkunu qegħdin jirrappurtaw dak li jkun għaddej fil-Parlament sabiex fil-qadi ta' dmirijiethom jiżguraw illi dawn ma jagħmlu xejn li jista' jkun interpretat bħala xkiel għall-Membri Parlamentari fil-waqt li jkunu sejrin jew ġejjin lura mill-Kamra.